

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ottubru 2008, li tordna li tingħata informazzjoni fil-proċedura ta' għajjnuna mill-Istat favur Deutsche Post AG [C 36/2007 (ex NN 25/2007)].

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Deutsche Telekom AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Lulju 2010 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-571/08)

“Rikors għal annullament — Għajjnuna mill-Istat — Ordni li tingħata informazzjoni — Atti li ma jistgħux jiġu kkontestati — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Kunċett — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti — Atti preparatorji — Esklużjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva ta' eżami ta' miżura ta' għajjnuna li torbot lill-Istat Membru sabiex tingħata informazzjoni — Att preparatorju (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 22, 23, 31)*

2. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Proċedura amministrattiva — Possibbiltà għall-Kummissjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-informazzjoni disponibbli — Kundizzjoni (Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikoli 5(2), 10(3) u 13(1)) (ara l-punti 26, 29, 39, 40)*

3. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti li jipproduċu effetti legali — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajjnuna mill-Istat suġġetta għall-klassifikazzjoni provviżorja bħala għajjnuna ġdida (Artikoli 107(1) TFUE, 108(2) u (3) TFUE u 263 TFUE) (ara l-punti 33, 34)*

4. *Għajjnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajjnuna mas-suq komuni — Possibbiltà għall-Kummissjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-informazzjoni disponibbli — Limiti (Artikolu 108(2) TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 13(1)) (ara l-punt 43)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Otturbru 2008, li tordna li tingħata informazzjoni fil-proċedura ta' għajjnuna mill-Istat favur Deutsche Post AG [C 36/2007 (ex NN 25/2007)].

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

- 2) Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.